# XENQIET IL-QALB

Xenqiet il-qalb bħal toroq dojoq żgħar
ma jwasslu mkien;
imdawla biss minn felli qamar sfajjar
għal ftit waqtiet;
u jerġgħu mudlamin daqs kenn il-qabar.

Xenqiet il-qalb ftit ħolm f'siegħat in-ngħas,
bla saħħa xejn;
thewdin ta' moħħ miġnun li f'ħin is-serħ
ma jsibx mistrieħ;
jinfetħu dlonk l-għajnejn u jsibu d-dlam.

Xenqiet il-qalb bħal ħjut ta' kobba mħabbla,
truf imgerrfxin;
tiġbed biex tħoll u l-għoqod joktru sfiq,
taħwid bla tmiem;
ħela ta' żmien li ma jissarraf f'xejn.

**PAWLU MIFSUD**